MALTA

# CIVIL COURT
# FIRST HALL
## THE HON. MADAM JUSTICE
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Sitting of the 11 th June, 2014

Citation Number. 254/2014

**Banif Bank (Malta) plc**

**C 41030**

**vs**

**Visual & Sound Communications Ltd (C6189) bhala kumpanija debitrici u Mary Grace Borg K.I. numru 760251 (M) bhala garanti in solidum mal-kumpanija debitrici**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat minn Vanessa Bugeja K.I. numru 85972(M) ghan-nom u in raprezentanza tal-bank attur, Banif Bank (Malta) plc tas-27 ta'Marzu, 2014 li jaqra hekk:

1. *" Illi l-kumpanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

2. *Illi l-kumpannija debitrici hija klijenta tal-kumpanija attrici;*

3. *Illi l-kumpannija debitrici isselfet disgha u hamsin elf u hames mitt Euro (€59,500) minghand il-kumpanija attrici sabiex thallas lura lil din l-istess kumpanija ammont iehor misluf lilha precedentement u dan kollu ai termini tal-Credit Agreement datat l-4 t'Ottubru 2011(ara Dok. ' A');*

4. *Illi l-bilanc dovut mill-kumpannija debitrici fuq dan is-self hu ta' disgha u ghoxrin elf, seba' mija u hames Euro u ghaxar centezmi (€29,705.10), jikkoncerna l- Loan Account numru 27278 71, 001 u sal-21 ta' Frar 201,4 kien jinkludi mghaxijiet t'erba' mija, disgha u disghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€499.86) (ara Dok. 'B');*

5. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini tal-Artikolu 9(i) tal-Credit Agreement fuq imsemmi u dan ghax kif jistipula f-istess Credit Agreement, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

   *"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Faciltty,*
   *b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
   *n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility" ;*

6. *Illi l-ammont fuq imsemmi hu wkoll dovut lill-kumpanija attrici mill-konvenuta l-ohra Mary Grace Borg stante li din dahlet bhala garanti in solidum mal-Kumpannija debitrici permezz ta' zewg kuntratti f'dak ir-rigward (ara Dok. 'C');*

7. *Illi l-kumpanija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha l-ammont dovut, fosthom permezz ( Ittra legali datata 5 ta' Novembru 2012 u ittra ufficcjali datata 25 t'Ottubru 2013 (ara Dok. 'D' u Dok. 'E' rispettivament), izda dawn baqghu inadempjenti;*

8. *IIIi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert likwidu u dovut u 1-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

9. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli '167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir- rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta'l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikiara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €29,705.10; u*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici l-ammont komplessiv ta' €29,705.10,*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-21 ta'Frar 2014 sad- data tal-pagament effettiv, bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena. Il-bank charges and fees u l-imghaxijiet qed jintalbu skond kif jinghad fil-Credit Agreement fuq imsemmi. Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Banif Bank (Malta) plc tas-26 ta'Mejju 2014 li permezz taghha rriducew t-talba attrici ghall-ammont ta' €16,613.91 stante pagament effetwat wara l-intavolar tar-rikors promotor;

Rat in-nota tal-konvenuti tas-26 ta'Mejju 2014 li permezz taghha qeghdin jamettu t-talba attrici ridotta fl-ammont ta' €16,613.91 ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti ezebieti mill-bank attur, rat u ezaminat illi talba tal-bank attur kif ridotta ghas-somma ta' sittax il-elf, sitta mija u tlettax il-euro u wiehed u disghin centezmu €16,613.91 giet sahansitra ammessa bhala dovuta mis-socjeta' intimata Visual and Sound Communications u mill-intimata Mary Grace Borg bhala garanti in solidum tal-ammont fuq indikat vide ammissjoni a fol. 38

Ghalhekk fic-cirkostanza t-talbiet tal-bank attur kif ridotta tidher gustifikata ghajr ghat-talba finali ta imghax ta' hdax fil-mija (11%) li din il-Qorti qed tichad izda takkorda imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%).

**Ghall dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba ghad-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12;**

2. **Tilqa' t-tieni talba kif ridotta u tiddikjara lill-intimati bhala debituri tal-bank rikorrenti fis-somma sittax–il elf, sitt mija u tlettax –il Ewro u wiehed u disghin centezmi [€16,613.91].**

3. **Tikkundanna l-intimati sabiex ihallsu l-bank rikorrenti is-somma ta' sittax –il elf, sitt mija u tlettax –il Ewro u wiehed u disghin centezmi [€16,613.91].**

**Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) kontra socjeta' intimata u Mary Grace Borg bhala garanti in solidum tas-socjeta' intimata.**

**Moqrija.**

## < Final Judgement >

----------------------------------END----------------------------------